2026/247

3.2.2026

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/247

tat-2 ta' Frar 2026

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 18/2010 ([2]) żied l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 dwar speċifikazzjonijiet komuni għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

(2) Meta titqies l-evoluzzjoni kontinwa tal-istandards, il-prattiki, il-metodoloġiji u l-għodod internazzjonali fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili mill-adozzjoni tal-Anness II, huwa importanti li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità u li dawn jiġu aġġornati kif xieraq.

(3) B'mod partikolari, żewġ standards ġodda li jirrikjedu lill-Istati Kontraenti jiżguraw li l-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tagħhom jiddefinixxu proċessi għar-rapportar ta' informazzjoni dwar inċidenti ta' atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji tagħhom (standard 5.1.6), kif ukoll sistema ta' rapportar kunfidenzjali għall-analiżi ta' informazzjoni dwar is-sigurtà pprovduta minn sorsi bħall-passiġġieri, l-ekwipaġġ u l-persunal fuq l-art (standard 3.5.1 (d)), żdiedu mal-Anness 17 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 1944.

(4) F'konformità mal-Artikolu 11(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità tal-Istat Membru jrid jippermetti l-iskoperta u t-tiswija mgħaġġla tan-nuqqasijiet. Biex jintlaħaq dan l-objettiv b'mod aktar effiċjenti, l-istandards il-ġodda tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization) imsemmija fil-premessa 3 jenħtieġ li jiġu riflessi fil-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

(5) B'mod partikolari, li jiġi informat it-tfassil tal-politika, li jiġi ssimplifikat ir-rapportar mill-operaturi u mill-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li tiġi appoġġata l-konformità mal-istandards rilevanti stabbiliti fl-Anness 17 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni għall-ġbir, il-kondiviżjoni u l-analiżi tad-data minn okkorrenzi relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni, u b'hekk jiġi sostitwit l-ambjent regolatorju frammentat kurrenti fil-livell nazzjonali.

(6) Biex jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' rapportar, il-qafas komuni jenħtieġ li jirrikjedi li l-operaturi u l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili jirrapportaw informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji tagħhom lill-awtoritajiet rilevanti fi żmien skadenzi stabbiliti, skont kemm huwa serju u immedjat l-impatt fuq is-sigurtà tal-avjazzjoni, u jenħtieġ li jistabbilixxu sistema interna ta' rapportar li trid tintuża mill-persunal kollu tagħhom. Fl-istabbiliment tas-sistemi ta' rapportar intern tagħhom, l-operaturi u l-entitajiet jenħtieġ li jaħtru persuni jew entitajiet responsabbli, itejbu l-konsistenza tad-data, jirreklutaw u jħarrġu lill-persuni maħtura biex iwettqu kompiti ta' rapportar, jistandardizzaw il-formoli ta' rapportar u jużaw klassifikazzjoni komuni.

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/300/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 18/2010 tat-8 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' speċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 7, 12.1.2010, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/18(1)/oj).

(7) L-obbligi li tiġi rrapportata informazzjoni dwar okkorrenzi, inċidenti, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji tagħhom tas-sigurtà tal-avjazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar kurrenti rigward ċerti okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni b'impatt fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. Dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni se jiġu emendati biex jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(8) Biex jiġi żgurat il-livell meħtieġ ta' kunfidenzjalità, l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti jenħtieġ li tiġi protetta matul l-ipproċessar u l-ħżin tagħha, u tali informazzjoni jenħtieġ li ma tintużax għal skopijiet għajr is-sigurtà tal-avjazzjoni. Il-kunfidenzjalità tal-identità ta' min jagħmel ir-rapport u tal-persuni msemmija fir-rapport jenħtieġ li tiġi ssalvagwardjata, soġġetta għar-rekwiżiti dwar proċedimenti kriminali, dixxiplinari jew amministrattivi skont il-liġi nazzjonali.

(9) Biex tiġi żgurata l-prontezza ta' kwalunkwe inizjattiva meħtieġa mill-Kummissjoni, minn Stati Membri oħrajn, minn awtoritajiet nazzjonali oħrajn inklużi awtoritajiet tas-sikurezza tal-avjazzjoni, mill-industrija u mis-sħab internazzjonali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri adegwati għall-kondiviżjoni, kif xieraq, tal-informazzjoni rilevanti li tinsab fir-rapporti u dwar l-azzjonijiet ta' segwitu.

(10) Biex tiġi żgurata ħarsa ġenerali effettiva tal-okkorrenzi u tal-inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni bi statistika dwar ir-rapporti riċevuti u l-analiżi tagħhom.

(11) L-okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati b'mod armonizzat permezz ta' mudell standardizzat għar-rapportar ta' tali informazzjoni. Dak il-mudell huwa bbażat fuq il-materjal ta' gwida eżistenti żviluppat mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u magħmul disponibbli fir-"Rapportar tal-Okkorrenzi u l-Inċidenti tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni" li ġie ppubblikat f'Ġunju 2022.

(12) Barra minn hekk, l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-metodoloġija globali ta' monitoraġġ tal-konformità u tat-terminoloġija settorjali, urew il-ħtieġa ta' emendi żgħar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet komuni għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Dawn l-emendi jikkonċernaw ċerti definizzjonijiet (bħal miżuri ta' sigurtà) u titjib fid-dispożizzjonijiet eżistenti (bħall-iffissar ta' frekwenzi għall-ispezzjoni tal-ajruporti).

(13) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq. Peress li l-għadd u l-firxa tal-emendi li qegħdin jiġu introdotti jitqiesu li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-Anness II eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, jixraq iktar li dak l-Anness jiġi ssostitwit.

(14) L-istabbiliment tal-mekkaniżmu u l-proċess għar-rapportar, il-klassifikazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, il-protezzjoni, l-analiżi u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji għalihom jirrikjedu perjodu preparatorju adegwat. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet relatati stabbiliti fl-Anness tiġi posposta biex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jiżguraw li r-rekwiżiti jiġu ssodisfati b'mod effettiv u effiċjenti.

(15) Il-Grupp Konsultattiv tal-Partijiet Interessati stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 ġie kkonsultat u involut mill-qrib fl-iżvilupp tar-rekwiżiti miżjuda ġodda dwar ir-rapportar tal-okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/376/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS II

Speċifikazzjonijiet komuni għall-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità li jridu jiġu implimentati minn kull Stat Membru fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "volum annwali tat-traffiku" tfisser l-għadd totali ta' passiġġieri li jaslu, jitilqu u li jkunu fi tranżitu (jingħaddu darba);

(2) "awtorità xierqa" tfisser l-awtorità nazzjonali nnominata minn Stat Membru skont l-Artikolu 9 biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tiegħu;

(3) "awditur" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq attivitajiet nazzjonali ta' monitoraġġ tal-konformità f'isem l-awtorità xierqa;

(4) "ċertifikazzjoni" tfisser evalwazzjoni u konferma formali minn jew f'isem l-awtorità xierqa li persuna jkollha l-kompetenzi meħtieġa biex twettaq il-funzjonijiet ta' awditur f'livell aċċettabbli kif definit mill-awtorità xierqa;

(5) "attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità" tfisser kwalunkwe proċedura jew proċess użat għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(6) "nuqqas" tfisser nuqqas ta' konformità ma' rekwiżit tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(7) "spezzjoni" tfisser eżaminazzjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri u proċeduri ta' sigurtà sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex qegħdin jitwettqu b'mod effettiv u skont l-istandard meħtieġ u biex jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas;

(8) "intervista" tfisser kontroll orali minn awditur biex jiġi stabbilit jekk humiex implimentati miżuri jew proċeduri speċifiċi ta' sigurtà;

(9) "osservazzjoni" tfisser kontroll viżwali minn awditur li miżura jew proċedura ta' sigurtà tiġi implimentata;

(10) "test evidenti" tfisser eżerċizzju mħabbar bi prodotti tal-iskrinjar jew persunal ieħor tas-sigurtà kkonċernat li b'mod realistiku jissimula l-prestazzjoni ta' kontroll tas-sigurtà jew att ta' interferenza illegali bl-għan li jiġu eżaminati jew imkejla elementi bħall-effettività tal-implimentazzjoni ta' miżuri, kompetenzi u kapaċitajiet ta' sigurtà eżistenti ta' dak il-persunal biex iwettaq funzjonijiet assenjati;

(11) "awtoritajiet rilevanti" tfisser, għall-finijiet tal-Kapitolu 19, l-awtorità xierqa jew kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra li jkollha responsabbiltajiet għar-rapportar ta' okkorrenzi, inċidenti, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji tagħhom tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(12) "min jagħmel ir-rapport" tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tirrapporta okkorrenza, inċident, att ta' interferenza illegali, att preparatorju jew informazzjoni oħra relatata mas-sigurtà skont il-proċess ta' rapportar obbligatorju jew volontarju stabbilit mill-Istati Membri;

(13) "kampjun rappreżentattiv" tfisser għażla magħmula minn fost l-għażliet possibbli għall-monitoraġġ li hija biżżejjed fl-għadd u fil-firxa biex tipprovdi bażi għal konklużjonijiet ġenerali dwar l-istandards ta' implimentazzjoni;

(14) "awditu tas-sigurtà" tfisser eżaminazzjoni fil-fond tal-miżuri u tal-proċeduri ta' sigurtà sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex qegħdin jiġu implimentati bis-sħiħ fuq bażi kontinwa;

(15) "inċident tas-sigurtà" tfisser okkorrenza tas-sigurtà li taffettwa jew li tista' taffettwa s-sikurezza tal-passiġġieri, tal-ekwipaġġ, tal-persunal fuq l-art u tal-pubbliku ġenerali;

(16) “okkorrenza tas-sigurtà” tfisser kwalunkwe avveniment relatat mas-sigurtà li jista’ jirriżulta f’eżitu ta’ sigurtà mnaqqsa, jista’ jżid ir-riskji operazzjonali jew li jipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri, tal-ekwipaġġ, tal-persunal fuq l-art u tal-pubbliku ġenerali, jew ikun ksur potenzjali tal-konformità. Dan jinkludi l-identifikazzjoni jew l-osservazzjoni ta’ vulnerabbiltà fil-protezzjoni tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta’ interferenza illegali;

(17) “test” tfisser proċess ta’ miżuri ta’ sigurtà tal-avjazzjoni, fejn l-awtorità xierqa tissimula l-intenzjoni li twettaq att ta’ interferenza illegali għall-fini li tiġi eżaminata l-effettività tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ sigurtà eżistenti;

(18) “verifika” tfisser azzjoni meħuda minn awditur biex jiġi stabbilit jekk miżura speċifika ta’ sigurtà hijiex effettivament fis-seħħ;

(19) “vulnerabbiltà” tfisser kwalunkwe dgħufija fil-miżuri u fil-proċeduri implimentati li tista’ tiġi sfruttata biex jitwettaq att ta’ interferenza illegali.

2. SETGĦAT TAL-AWTORITÀ XIERQA

2.1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtorità xierqa bis-setgħat meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-infurzar tar-rekwiżiti kollha ta’ dan ir-Regolament u tal-atti ta’ implimentazzjoni tiegħu, inkluża s-setgħa li timponi penali f’konformità mal-Artikolu 21.

2.2. L-awtorità xierqa għandha twettaq attivitajiet ta’ monitoraġġ tal-konformità u għandu jkollha s-setgħat meħtieġa biex tirrikjedi li kwalunkwe nuqqas identifikat jiġi rettifikat fi żmien stabbilit.

2.3. Għandu jiġi stabbilit approċċ gradwali u proporzjonat fir-rigward tal-attivitajiet ta’ korrezzjoni tan-nuqqasijiet u l-miżuri ta’ infurzar. Dan l-approċċ għandu jikkonsisti minn passi progressivi li jridu jiġu segwiti sakemm tinkiseb il-korrezzjoni, inklużi:

(a) pariri u rakkomandazzjonijiet bil-miktub;

(b) twissija formali bil-miktub;

(c) avviż ta’ infurzar uffiċjali;

(d) sanzjonijiet amministrattivi u proċedimenti legali.

L-awtorità xierqa tista’ tneħħi wieħed jew aktar minn dawn il-passi, b’mod speċjali meta n-nuqqas ikun serju jew rikorrenti.

3. OBJETTIVI U KONTENUT TAL-PROGRAMM NAZZJONALI TA’ KONTROLL TAL-KWALITÀ

3.1. L-objettivi tal-programm nazzjonali ta’ kontroll tal-kwalità huma li jivverifika li l-miżuri ta’ sigurtà tal-avjazzjoni jiġu implimentati b’mod effettiv u xieraq u li jiddetermina l-livell ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u l-programm nazzjonali ta’ sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, permezz ta’ attivitajiet ta’ monitoraġġ tal-konformità.

3.2. Il-programm nazzjonali ta’ kontroll tal-kwalità għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) struttura, responsabbiltajiet u riżorsi tal-organizzazzjoni;

(b) deskrizzjonijiet tal-impjiegi tal-awdituri, u kwalifiki meħtieġa għalihom;

(c) attivitajiet ta’ monitoraġġ tal-konformità, inkluż l-ambitu tal-awditi tas-sigurtà, l-ispezzjonijiet, it-testijiet u, wara ksur reali jew potenzjali tas-sigurtà, l-investigazzjonijiet, il-frekwenzi għall-awditi u l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u wkoll il-klassifikazzjoni tal-konformità;

(d) stħarriġ, meta jkun hemm raġuni biex jiġu vvalutati mill-ġdid il-ħtiġijiet tas-sigurtà;

(e) attivitajiet ta’ korrezzjoni tan-nuqqasijiet li jipprovdu dettalji dwar ir-rapportar tan-nuqqasijiet, segwitu u korrezzjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(f) miżuri ta’ infurzar u, meta jkun xieraq, penali, kif speċifikat fil-punti 2.1 u 2.3 ta’ dan l-Anness;

(g) rapportar tal-attivitajiet ta’ monitoraġġ tal-konformità mwettqa inkluż, meta jkun xieraq, l-iskambju ta’ informazzjoni bejn il-korpi nazzjonali dwar il-livelli ta’ konformità;

(h) proċess ta’ monitoraġġ tal-ajruport, tal-operatur u tal-miżuri interni ta’ kontroll tal-kwalità tal-entità;

(i) proċess biex jiġu rreġistrati u analizzati r-riżultati tal-programm nazzjonali ta’ kontroll tal-kwalità biex jiġu identifikati x-xejriet u biex jiġi ggwidat l-iżvilupp futur tal-politika;

(j) proċess għar-rapportar obbligatorju ta' informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji għalihom, minn kwalunkwe operatur u entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili b'mod prattiku u f'waqtu lill-awtoritajiet rilevanti;

(k) sistema ta' rapportar kunfidenzjali u volontarja għall-analiżi tal-informazzjoni dwar is-sigurtà pprovduta minn sorsi bħall-pubbliku, il-passiġġieri, il-persunal, l-ekwipaġġ, il-persunal fuq l-art u kwalunkwe persuna oħra fis-settur tal-avjazzjoni.

4. MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ

4.1. L-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet l-oħrajn kollha b'responsabbiltajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni għandhom jiġu mmonitorjati regolarment biex jiġi żgurat li n-nuqqasijiet jiġu osservati u kkorreġuti fil-pront.

4.2. Il-monitoraġġ għandu jsir f'konformità mal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità, filwaqt li jitqies il-livell ta' theddid, it-tip u n-natura tal-operazzjonijiet, l-istandard ta' implimentazzjoni, ir-riżultati tal-kontroll intern tal-kwalità tal-ajruporti, tal-operaturi u tal-entitajiet, u fatturi u valutazzjonijiet oħrajn li jaffettwaw il-prijoritajiet u l-frekwenza tal-monitoraġġ.

4.3. Il-monitoraġġ għandu jinkludi l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri interni ta' kontroll tal-kwalità tal-ajruporti, tal-operaturi u tal-entitajiet.

4.4. Il-monitoraġġ f'kull ajruport individwali għandu jkun magħmul minn taħlita xierqa ta' attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità u għandu jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà fil-qasam.

4.5. Il-ġestjoni, l-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-organizzazzjoni tal-programm ta' kontroll tal-kwalità għandhom jitwettqu indipendentement mill-implimentazzjoni operazzjonali tal-miżuri meħuda skont il-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

4.6. L-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità għandhom jinkludu awditi, spezzjonijiet u testijiet tas-sigurtà.

5. METODOLOĠIJA

5.1. Il-metodoloġija għat-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ għandha tikkonforma ma' approċċ standardizzat, li jinkludi t-tqassim tal-kompiti, l-ippjanar, it-tħejjija, l-attività fuq il-post, il-klassifikazzjoni tas-sejbiet, it-tlestija tar-rapport u l-proċess ta' korrezzjoni.

5.2. L-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità għandhom ikunu bbażati fuq il-ġbir sistematiku ta' informazzjoni permezz ta' osservazzjonijiet, intervisti, eżaminazzjoni ta' dokumenti u verifiki.

5.3. Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi kemm attivitajiet imħabbra kif ukoll mhux imħabbra.

6. AWDITI TAS-SIGURTÀ

6.1. Awditu tas-sigurtà għandu jkopri:

(a) il-miżuri kollha tas-sigurtà f'ajruport; jew

(b) il-miżuri kollha tas-sigurtà implimentati minn ajruport, terminal ta' ajruport, operatur jew entità individwali; jew

(c) parti partikolari mill-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

6.2. Għandha tiġi stabbilita metodoloġija għat-twettiq ta' awditu tas-sigurtà filwaqt li jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) it-tħabbir tal-awditu tas-sigurtà u l-komunikazzjoni ta' kwestjonarju ta' qabel l-awditu, jekk ikun xieraq;

(b) il-fażi ta' tħejjija inkluż l-eżaminazzjoni tal-kwestjonarju mimli ta' qabel l-awditu u ta' dokumentazzjoni rilevanti oħra;

(c) briefing introduttorju ma' rappreżentanti tal-ajruport/operatur/entità qabel il-bidu tal-attività ta' monitoraġġ fuq il-post;

(d) attività fuq il-post;

(e) debriefing u rapportar;

(f) meta jiġu identifikati nuqqasijiet, il-proċess ta' korrezzjoni u l-monitoraġġ assoċjat ta' dak il-proċess.

6.3. Sabiex jiġi kkonfermat li l-miżuri tas-sigurtà jiġu implimentati, it-twettiq ta' awditu tas-sigurtà għandu jkun ibbażat fuq ġbir sistematiku ta' informazzjoni b'teknika waħda jew b'aktar minn teknika waħda minn dawn li ġejjin:

(a) eżaminazzjoni ta' dokumenti;

(b) osservazzjonijiet;

(c) intervisti;

(d) verifiki.

6.4. L-ajruporti b'volum ta' traffiku annwali ta' aktar minn 10 miljun passiġġier għandhom ikunu soġġetti għal awditu tas-sigurtà li jkopri l-istandards kollha tas-sigurtà tal-avjazzjoni mill-inqas kull 4 snin. L-eżaminazzjoni għandha tinkludi kampjun rappreżentattiv ta' informazzjoni.

7. SPEZZJONIJIET

7.1. L-ambitu ta' spezzjoni għandu jkopri mill-inqas sett wieħed ta' miżuri tas-sigurtà direttament marbuta tal-Anness I u l-atti ta' implimentazzjoni korrispondenti mmonitorjati bħala attività waħda jew f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li normalment ma jaqbiżx it-3 xhur. L-eżaminazzjoni għandha tinkludi kampjun rappreżentattiv ta' informazzjoni.

7.2. Sett ta' miżuri tas-sigurtà marbutin direttament huwa sett ta' żewġ rekwiżiti jew aktar kif imsemmi fl-Anness I u fl-atti ta' implimentazzjoni korrispondenti li jħallu impatt fuq xulxin tant mill-qrib li l-ilħuq tal-objettiv ma jistax jiġi vvalutat b'mod adegwat sakemm ma jitqisux flimkien. Dawn is-settijiet għandhom jinkludu dawk elenkati fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness.

7.3. L-ispezzjonijiet ma għandhomx jitħabbru. Meta l-awtorità xierqa tqis li dan ma huwiex prattikabbli, l-ispezzjonijiet jistgħu jitħabbru. Għandha tiġi stabbilita metodoloġija għat-twettiq ta' spezzjoni filwaqt li jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) fażi ta' preparazzjoni;

(b) attività fuq il-post;

(c) stħarriġ, skont il-frekwenza u r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ;

(d) rapportar/reġistrazzjoni;

(e) proċess ta' korrezzjoni u l-monitoraġġ tiegħu.

7.4. Sabiex jiġi kkonfermat li l-miżuri tas-sigurtà huma effettivi, it-twettiq tal-ispezzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-ġbir sistematiku ta' informazzjoni b'teknika waħda jew b'aktar minn teknika waħda minn dawn li ġejjin:

(a) eżaminazzjoni ta' dokumenti;

(b) osservazzjonijiet;

(c) intervisti;

(d) verifiki.

7.5. F'ajruporti b'volum ta' traffiku annwali ta' aktar minn 2 miljun passiġġier, il-frekwenza minima għall-ispezzjoni tas-settijiet kollha ta' miżuri tas-sigurtà marbuta direttament stabbiliti fil-Kapitoli 1 sa 6 tal-Anness I għandha tkun mill-inqas kull 12-il xahar, sakemm ma jkunx twettaq awditu fl-ajruport matul dak iż-żmien. Il-frekwenza għall-ispezzjoni tal-miżuri kollha tas-sigurtà koperti mill-Kapitoli 7 sa 12 tal-Anness I għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità xierqa abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.

7.6. Meta Stat Membru ma jkollu l-ebda ajruport b'volum ta' traffiku annwali akbar minn 2 miljun passiġġier, ir-rekwiżiti tal-punt 7.5 għandhom japplikaw għall-ajruport fit-territorju tiegħu bl-akbar volum ta' traffiku annwali.

7.7. Il-frekwenzi għall-ispezzjoni tal-ajruporti b'volum ta' traffiku annwali li ma jaqbiżx 2 miljun passiġġier, operatur u entità għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità xierqa filwaqt li jitqiesu l-elementi msemmija fil-punt 4.2. Il-frekwenzi għandhom jirreferu għall-monitoraġġ tas-settijiet rilevanti kollha ta' miżuri tas-sigurtà marbutin direttament stabbiliti fil-Kapitoli 1 sa 12 tal-Anness I.

8. TESTIJIET

8.1. Għandhom jitwettqu testijiet biex tiġi eżaminata l-effettività tal-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà elenkati hawn taħt, bħala minimu fl-ajruporti kollha li jaqgħu taħt il-punti 7.5 u 7.6:

(a) kontroll tal-aċċess għaż-żoni ristretti tas-sigurtà;

(b) skrinjar ta' persuni għajr il-passiġġieri u l-oġġetti li jġorru magħhom;

(c) protezzjoni tal-inġenji tal-ajru;

(d) skrinjar tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina;

(e) protezzjoni tal-bagalji tal-istiva;

(f) skrinjar ta' merkanzija jew posta;

(g) protezzjoni ta' merkanzija u posta.

Għat-testijiet li jridu jitwettqu fl-ajruporti li ma jaqgħux taħt il-punti 7.5 u 7.6, il-prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti fl-ippjanar annwali tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità.

8.2. L-awtorità xierqa tista', abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, twettaq testijiet biex teżamina l-effettività tal-implimentazzjoni tal-miżuri addizzjonali tas-sigurtà li ġejjin:

(a) eżaminazzjoni ta' vetturi;

(b) tfittxija tas-sigurtà ta' inġenji tal-ajru;

(c) skrinjar tal-bagalji tal-istiva;

(d) skrinjar tal-provvisti għal matul it-titjira u tal-ajruport;

(e) protezzjoni tal-provvisti għal matul it-titjira u tal-ajruport;

(f) protezzjoni tal-faċilitajiet u tal-perimetru tal-ajruport.

8.3. Għandu jiġi żviluppat protokoll ta' ttestjar li jinkludi l-metodoloġija filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti legali, tas-sikurezza u operazzjonali. Il-metodoloġija għandha tindirizza l-elementi li ġejjin:

(a) fażi ta' preparazzjoni;

(b) attività fuq il-post;

(c) stħarriġ, skont il-frekwenza u r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ;

(d) rapportar/reġistrazzjoni;

(e) proċess ta' korrezzjoni u l-monitoraġġ assoċjat.

8.4. Il-frekwenzi għat-testijiet għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità xierqa filwaqt li jitqiesu l-elementi msemmija fil-punt 4.2.

8.5. It-testijiet jistgħu jiġu sostitwiti jew issupplimentati b'testijiet evidenti f'każijiet meta ma jkunx possibbli li jinkiseb kampjun rappreżentattiv ta' testijiet minħabba, pereżempju, l-implimentazzjoni limitata ta' ċerti miżuri tas-sigurtà, jew meta l-kundizzjonijiet lokali jkunu jfixklu l-effettività tat-testijiet.

9. STĦARRIĠ

9.1. L-istħarriġ għandu jitwettaq kull meta l-awtorità xierqa tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-operazzjonijiet jiġu evalwati mill-ġdid sabiex tiġi identifikata u indirizzata kwalunkwe vulnerabbiltà. Meta tiġi identifikata vulnerabbiltà, l-awtorità xierqa għandha tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' miżuri protettivi proporzjonati mat-theddida.

10. RAPPORTAR TAL-ATTIVITAJIET TA' MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ

10.1. L-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità għandhom jiġu rrapportati jew irreġistrati f'format standardizzat li jippermetti analiżi kontinwa tax-xejriet.

10.2. L-elementi li ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-format standardizzat:

(a) tip ta' attività;

(b) ajruport, operatur jew entità mmonitorjata;

(c) data u l-ħin tal-attività;

(d) isem tal-awdituri li jwettqu l-attività;

(e) ambitu tal-attività;

(f) sejbiet bid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili;

(g) klassifikazzjoni tal-konformità;

(h) rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju, meta jkun xieraq;

(i) perjodu ta' żmien għall-korrezzjoni, meta jkun xieraq.

10.3. Meta jiġu identifikati nuqqasijiet, l-awtorità xierqa għandha tirrapporta s-sejbiet rilevanti lill-ajruport, lill-operaturi jew lill-entitajiet soġġetti għal monitoraġġ.

11. KLASSIFIKAZZJONI KOMUNI TAL-KONFORMITÀ

11.1. L-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità għandhom jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili bl-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni armonizzata ta' konformità stabbilita fl-Appendiċi II.

12. KORREZZJONI TAN-NUQQASIJIET

12.1. Il-korrezzjoni tan-nuqqasijiet identifikati għandha tiġi implimentata minnufih. Meta l-korrezzjoni ma tkunx tista' sseħħ fil-pront, għandhom jiġu implimentati miżuri ta' kumpens. Meta l-monitoraġġ ġenerali tal-implimentazzjoni ta' miżura tas-sigurtà, minħabba nuqqasijiet individwali jew iżolati, jirriżulta fil-livell ta' konformità "Konformi, iżda huwa mixtieq titjib", dawk in-nuqqasijiet għandhom jiġu kkoreġuti wkoll.

12.2. L-awtorità xierqa għandha tirrikjedi li l-ajruporti, l-operaturi jew l-entitajiet soġġetti għal attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità jissottomettu għal ftehim, pjan ta' azzjoni li jindirizza kwalunkwe nuqqas deskritt fir-rapporti flimkien ma' perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju u li jipprovdu konferma meta jitlesta l-proċess ta' korrezzjoni.

13. ATTIVITAJIET TA' SEGWITU RELATATI MAL-VERIFIKA TAL-KORREZZJONI

13.1. Wara konferma mill-ajruport, mill-operatur jew mill-entità soġġetta għall-monitoraġġ li tkun ittieħdet kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa, l-awtorità xierqa għandha tivverifika l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju.

13.2. L-attivitajiet ta' segwitu għandhom jużaw l-aktar metodu ta' monitoraġġ rilevanti.

14. DISPONIBBILTÀ TAL-AWDITURI

14.1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' awdituri disponibbli għall-awtorità xierqa direttament jew taħt is-superviżjoni tagħha għat-twettiq tal-attivitajiet kollha ta' monitoraġġ tal-konformità.

15. KRITERJI TA' KWALIFIKA GĦALL-AWDITURI

15.1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awdituri li jwettqu funzjonijiet f'isem l-awtorità xierqa:

(a) ikunu ħielsa minn kwalunkwe obbligu kuntrattwali jew pekunarju għall-ajruport, għall-operatur jew għall-entità li trid tiġi mmonitorjata; u

(b) jkollhom il-kompetenzi xierqa, li jinkludu esperjenza teoretika u prattika suffiċjenti fil-qasam rilevanti.

L-awdituri għandhom ikunu soġġetti għal ċertifikazzjoni jew għal approvazzjoni ekwivalenti mill-awtorità xierqa.

15.2. L-awdituri għandu jkollhom il-kompetenzi li ġejjin:

(a) fehim tal-miżuri ta' sigurtà applikabbli kurrenti u kif dawn jiġu applikati għall-operazzjonijiet li qegħdin jiġu eżaminati, inklużi:

— fehim tal-prinċipji tas-sigurtà,

— fehim tal-kompiti superviżorji,

— fehim tal-fatturi li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-bniedem,

(b) tagħrif prattiku ta' teknoloġiji u tekniki tas-sigurtà;

(c) tagħrif ta' prinċipji, proċeduri u tekniki tal-monitoraġġ tal-konformità;

(d) tagħrif prattiku tal-operazzjonijiet li qegħdin jiġu eżaminati;

(e) fehim tar-rwol u tas-setgħat tal-awditur.

15.3. L-awdituri għandhom jgħaddu minn taħriġ rikorrenti bi frekwenza suffiċjenti biex jiġi żgurat li jinżammu l-kompetenzi eżistenti u jiġu akkwistati kompetenzi ġodda biex jitqiesu l-iżviluppi fil-qasam tas-sigurtà.

16. SETGĦAT TAL-AWDITURI

16.1. L-awdituri li jwettqu attivitajiet ta' monitoraġġ għandhom jiġu pprovduti b'awtorità suffiċjenti biex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

16.2. L-awdituri għandhom iġorru prova tal-identità li tawtorizza attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità f'isem l-awtorità xierqa u li tippermetti aċċess għaż-żoni kollha meħtieġa.

16.3. L-awdituri għandhom ikunu intitolati li:

(a) jiksbu aċċess immedjat għaż-żoni rilevanti kollha inklużi l-inġenji tal-ajru u l-binjiet għal skopijiet ta' monitoraġġ; u

(b) jirrikjedu l-implimentazzjoni korretta jew ir-ripetizzjoni tal-miżuri tas-sigurtà.

16.4. Bħala konsegwenza tas-setgħat mogħtija lill-awdituri, l-awtorità xierqa għandha taġixxi f'konformità mal-punt 2.3 fil-każijiet li ġejjin:

(a) tfixkil jew impediment intenzjonali ta' awditur;

(b) nuqqas jew rifjut li tiġi pprovduta informazzjoni mitluba minn awditur;

(c) meta tingħata informazzjoni falza jew qarrieqa lil awditur bil-ħsieb ta' qerq; u

(d) impersonifikazzjoni ta' awditur bil-ħsieb ta' qerq.

17. L-AĦJAR PRATTIKI

17.1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-aħjar prattiki fir-rigward tal-programmi ta' kontroll tal-kwalità, il-metodoloġiji tal-awditjar u l-awdituri. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi din l-informazzjoni mal-Istati Membri.

18. RAPPORTAR TAL-ATTIVITAJIET TA' MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ LILL-KUMMISSJONI

18.1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti li jinsabu fit-territorju tagħhom. Il-perjodu ta' referenza għar-rapport għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. Ir-rapport għandu jkun dovut 3 xhur wara t-tlestija tal-perjodu ta' referenza.

18.2. Il-kontenut tar-rapport għandu jkun f'konformità mal-Appendiċi III permezz ta' mudell fornut mill-Kummissjoni.

18.3. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-konklużjonijiet ewlenin meħuda minn dawn ir-rapporti mal-Istati Membri.

19. RAPPORTAR TAL-OKKORRENZI, L-INĊIDENTI, L-ATTI TA' INTERFERENZA ILLEGALI U L-ATTI PREPARATORJI TAGĦHOM TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

19.1. Meta l-awtorità xierqa tidentifika jew tirċievi informazzjoni dwar att ta' interferenza illegali jew inċident tas-sigurtà tal-avjazzjoni li jkun seħħ jew li jkun se jseħħ, li jkollu jew li x'aktarx ikollu impatt serju fuq il-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni jew fuq is-sistema internazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni, din għandha tinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli. Soġġett għar-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni rilevanti għas-sigurtà nazzjonali, in-notifika għandha tinkludi kwalunkwe informazzjoni fattwali rilevanti u disponibbli utli biex jiġi vvalutat jekk hijiex meħtieġa azzjoni fil-pront sabiex jinżamm jew jiġi stabbilit mill-ġdid il-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Unjoni u tiġi pprovduta l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni meħtieġa fil-livell internazzjonali. Malli tirċievi tali informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn.

19.2. Għall-fini tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3.2(j) u (k) u d-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, mill-1 ta' Jannar 2028 kull Stat Membru għandu jistabbilixxi proċess għar-rapportar, il-klassifikazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, il-protezzjoni, l-analiżi u l-aggregazzjoni ta' informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, atti ta' interferenza illegali u atti preparatorji għalihom. Dak il-proċess għandu jipprevedi sistemi ta' rapportar volontarji obbligatorji u kunfidenzjali u għandu jinkludi rekwiżiti dettaljati biex jiġu żgurati rapportar u segwitu effettivi u effiċjenti inklużi l-eżekuzzjoni u l-koordinazzjoni ta' kompiti sussegwenti kif ukoll kwalunkwe miżura jew deċiżjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet rilevanti.

19.3. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-operaturi u l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti. L-inċidenti tas-sigurtà jiġu ddeżinjati minn uffiċjal jew minn maniġer tas-sigurtà għal okkorrenza ta' sigurtà rrapportata abbażi ta' analiżi tal-okkorrenza u determinazzjoni li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali. Inċident tas-sigurtà jista' jirriżulta wkoll, u jiġi kklassifikat bħala tali mill-awtorità xierqa, f'att ta' interferenza illegali li jrid jiġi rrapportat lill-ICAO f'konformità mal-Anness 17 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. L-iskadenzi tar-rapportar li ġejjin għandhom japplikaw għal tali rapportar obbligatorju, li jibda miż-żmien meta l-okkorrenza sottostanti tiġi rrapportata permezz tas-sistema ta' rapportar interna msemmija fil-punt 19.4:

(a) mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 24 siegħa f'każ li l-inċident ikollu impatt serju u immedjat fuq il-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(b) fi żmien 72 siegħa, meta l-inċident ikollu impatt serju fuq il-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(c) fuq bażi ta' kull xahar, fil-każ tal-inċidenti l-oħrajn kollha.

19.4. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-operaturi u l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili għandhom jistabbilixxu sistema ta' rapportar interna għar-rapportar ta' informazzjoni dwar okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni b'mod prattiku u f'waqtu. Il-persunal kollu tal-operaturi u tal-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili għandu jirrapporta informazzjoni dwar okkorrenzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni permezz ta' tali sistema ta' rapportar interna.

19.5. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-awtoritajiet rilevanti u kwalunkwe operatur jew entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili għandha tinnomina mill-anqas persuna jew dipartiment wieħed responsabbli għar-rapportar, inkluż il-kontroll tal-kwalità tad-data biex tittejjeb il-konsistenza tad-data. Ir-rekwiżiti ta' reklutaġġ u taħriġ għall-persuni li jinħatru biex iwettqu tali kompiti għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' implimentazzjoni, adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament.

19.6. Mill-1 ta' Jannar 2028, ir-rapportar obbligatorju lill-awtoritajiet rilevanti għandu jitwettaq bl-użu tal-mudell kif stabbilit fl-Appendiċi IV, u għandu jirreferi għall-klassifikazzjoni komuni kif stabbilit fl-Appendiċi V. Ir-rapportar volontarju jista' jitwettaq ukoll bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi IV u għandu jirreferi għall-klassifikazzjoni komuni kif stabbilit fl-Appendiċi V.

19.7. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jaħżnu rapporti f'bażi ta' data nazzjonali. Il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li tinsab fir-rapporti kif ukoll kwalunkwe analiżi tagħha għandha tiġi żgurata f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar l-aċċess għal tali informazzjoni kif ukoll il-protezzjoni fiżika u tat-teknoloġija tal-informazzjoni tagħha.

19.8. Mill-1 ta' Jannar 2028, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar l-ipproċessar u l-ħżin ta' rapporti biex jipprevjeni l-użu ta' informazzjoni li tinsab fihom għal finijiet minbarra s-sigurtà tal-avjazzjoni u għandu jissalvagwardja b'mod xieraq il-kunfidenzjalità tal-identità ta' min jirrapporta u tal-persuni msemmija fir-rapport, soġġett għar-rekwiżiti dwar proċedimenti kriminali, dixxiplinari jew amministrattivi skont il-liġi nazzjonali.

19.9. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri għall-kondiviżjoni, abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien, tal-informazzjoni rilevanti li tinsab fir-rapporti u dwar l-azzjonijiet ta' segwitu biex jassistu lil awtoritajiet u aġenziji nazzjonali oħrajn, lill-operaturi tal-ajruporti, lit-trasportaturi tal-ajru u lil entitajiet oħrajn ikkonċernati, meta dan jista' jikkontribwixxi għaż-żamma u għat-titjib tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

19.10. Mill-1 ta' Jannar 2028, minkejja l-punt 19.8, f'każ li l-informazzjoni jkollha rilevanza għas-sikurezza tal-avjazzjoni, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jikkondividuha mal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, soġġett għar-rekwiżiti applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni u t-tneħħija ta' informazzjoni kif xieraq.

19.11. Mill-1 ta' Jannar 2028, soġġett għar-rekwiżiti dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali, kif applikabbli, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkondividu l-informazzjoni rilevanti li tinsab f'rapporti mal-Kummissjoni u ma' Stati Membri oħrajn, meta dan jista' jikkontribwixxi għaż-żamma u għat-titjib tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inkluż bi tweġiba għal mistoqsijiet speċifiċi mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħrajn.

19.12. Mill-1 ta' Jannar 2028, soġġett għar-rekwiżiti dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali, kif applikabbli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jikkondividu l-informazzjoni rilevanti li tinsab f'rapporti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi, meta dan ikun meħtieġ skont ftehimiet internazzjonali jew meta dan jista' jikkontribwixxi għaż-żamma u għat-titjib tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

19.13. Mill-1 ta' Jannar 2028, mingħajr preġudizzju għall-punti 19.1 u 19.11., kull sena l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport li jkun fih statistika dwar ir-rapporti riċevuti, aggregati f'konformità mal-klassifikazzjoni komuni kif stabbilita fl-Appendiċi V u l-analiżi tagħhom. Il-perjodu ta' referenza għar-rapport għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, u għandu jkun dovut 6 xhur wara t-tlestija tal-perjodu ta' referenza.

19.14. Mill-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-konklużjonijiet ewlenin li jirriżultaw mir-rapporti sottomessi skont il-punt 19.13 mal-Kumitat Regolatorju għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili u mal-Grupp Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni.

19.15. Mill-1 ta' Jannar 2028, sabiex tipprovdi approċċ armonizzat fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tagħmel disponibbli strument xieraq tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri.

Appendiċi I

Elementi li jridu jiġu inklużi fis-sett ta' miżuri tas-sigurtà marbuta direttament

Is-settijiet ta' miżuri tas-sigurtà marbuta direttament kif imsemmi fil-punt 7.1 ta' dan l-Anness għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin tal-Anness I u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-atti ta' implimentazzjoni tiegħu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament:

Għall-punt 1 — Sigurtà tal-ajruport:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.1; jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.2 (ħlief dawk relatati mal-karti ta' identifikazzjoni u mal-permessi tal-vetturi); jew

(c) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.2 relatati mal-karti ta' identifikazzjoni; jew

(d) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.2 relatati mal-permessi tal-vetturi; jew

(e) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.3 u l-elementi rilevanti tal-punt 12; jew

(f) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.4; jew

(g) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.5; jew

(h) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 1.7, u l-elementi rilevanti tal-punt 11.

Għall-punt 2 — Żoni demarkati tal-ajruporti:

id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-punt.

Għall-punt 3 — Sigurtà tal-inġenji tal-ajru:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 3.1; jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 3.2.

Għall-punt 4 — Passiġġieri u bagalji tal-kabina:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 4.1 u l-elementi rilevanti tal-punt 12: jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 4.2; jew

(c) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 4.3.

Għall-punt 5 — Bagalji tal-istiva:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 5.1 u l-elementi rilevanti tal-punt 12; jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 5.2; jew

(c) id-dispożizzjonijiet kollha tal-punt 5.3.

Għall-punt 6 — Merkanzija u posta:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-kontrolli tas-sigurtà, l-iskrinjar u t-trasport applikati minn aġent regolat u l-elementi rilevanti tal-punt 12; jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-kontrolli tas-sigurtà u t-trasport applikati minn konsenjaturi magħrufa; jew

(c) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-kontrolli tas-sigurtà u t-trasport applikati minn trasportaturi tal-merkanzija approvati; jew

(d) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tal-merkanzija u tal-posta fl-ajruporti.

Għall-punt 7 — Posta u materjali tat-trasportaturi bl-ajru:

id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-punt.

Għall-punt 8 — Provvisti għal matul it-titjira:

id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-punt u l-elementi rilevanti tal-punt 12.

Għall-punt 9 — Provvisti għall-ajruport:

id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-punt u l-elementi rilevanti tal-punt 12.

Għall-punt 10 — Miżuri tas-sigurtà għal matul it-titjira:

id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-punt.

Għall-punt 11 — Reklutaġġ u taħriġ tal-persunal:

(a) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mar-reklutaġġ tal-persunal f'ajruport, operatur, trasportatur tal-ajru jew entità; jew

(b) id-dispożizzjonijiet kollha relatati mat-taħriġ tal-persunal f'ajruport, operatur, trasportatur tal-ajru jew entità.

Appendiċi II

Sistema ta' klassifikazzjoni armonizzata ta' konformità

Il-klassifikazzjoni ta' konformità li ġejja għandha tapplika għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

	Awditu tas-Sigurtà	Spezzjoni	Test
Konformi bis-sħiħ	√	√	√
Konformi, iżda huwa mixtieq titjib	√	√	√
Mhux konformi	√	√	√
Mhux konformi, b'nuqqasijiet serji	√	√	√
Mhux applikabbli	√	√	
Mhux ikkonfermat	√	√	√

Appendiċi III

KONTENUT TAR-RAPPORT LILL-KUMMISSJONI

1. **Struttura ta' organizzazzjoni, responsabbiltajiet u riżorsi**

   (a) L-istruttura tal-organizzazzjoni ta' kontroll tal-kwalità, ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi, inklużi l-emendi futuri ppjanati (ara l-punt 3.2(a)).

   (b) Għadd ta' awdituri – preżenti u ppjanati (ara l-punt 14).

   (c) Taħriġ imwettaq mill-awdituri (ara l-punt 15.2).

2. **Attivitajiet ta' monitoraġġ operazzjonali**

   L-attivitajiet ta' monitoraġġ kollha mwettqa, li jispeċifikaw:

   (a) it-tip (awditu tas-sigurtà, spezzjoni inizjali, spezzjoni ta' segwitu, test, oħrajn);

   (b) l-ajruporti, l-operaturi u l-entitajiet immonitorjati;

   (c) l-ambitu;

   (d) il-frekwenzi; u

   (e) t-total ta' jiem ta' xogħol imqatta' fuq il-post.

3. **Attivitajiet ta' korrezzjoni tan-nuqqasijiet**

   (a) L-istatus tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' korrezzjoni tan-nuqqasijiet.

   (b) L-attivitajiet ewlenin imwettqa jew ippjanati (eż. ħolqien ta' karigi ġodda, tagħmir mixtri, ħidma ta' kostruzzjoni) u l-progress miksub lejn il-korrezzjoni.

   (c) Miżuri ta' infurzar użati (ara l-punt 3.2(f)).

4. **Data u xejriet ġenerali**

   (a) It-total tat-traffiku nazzjonali annwali tal-passiġġieri u tal-merkanzija u l-għadd ta' movimenti tal-inġenji tal-ajru.

   (b) Il-lista ta' ajruporti skont il-kategorija.

   (c) L-għadd ta' trasportaturi tal-ajru li joperaw mit-territorju skont il-kategorija (nazzjonali, tal-Unjoni, ta' pajjiż terz).

   (d) L-għadd ta' aġenti regolati.

   (e) L-għadd ta' spedituri magħrufa.

   (f) L-għadd ta' trasportaturi tal-merkanzija approvati.

   (g) L-għadd ta' fornituri regolati (għall-provvisti tal-ajruport u għall-provvisti għal matul it-titjira).

   (h) L-għadd approssimattiv ta' entitajiet oħrajn b'responsabbiltajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni (kumpaniji għas-servizzi fuq l-art, kumpaniji tas-sigurtà, forniturimagħrufa ta' provvisti tal-ajruport u ta' matul it-titjira).

5. **Sitwazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti**

   Il-kuntest ġenerali tas-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-Istat Membru.

Appendiċi IV

Mudell għar-rapportar ta' informazzjoni dwar okkorrenzi u inċidenti tas-sigurtà ([1])

Data u ħin eżatti jew il-perjodu ([2]) tal-okkorrenza: …/…/…

Data tar-rapport ([3]): …/…/…

Post tal-okkorrenza ([4]):

Isem il-kumpanija u/jew tal-persuna li tirrapporta (jekk possibbli ([5])):

Deskrizzjoni tal-okkorrenza:

Azzjoni(jiet) immedjata/i meħuda u minn min ([6]):

Żona affettwata tas-sigurtà tal-avjazzjoni:

Sigurtà tan-naħa tal-art; Passiġġieri u bagalji tal-kabina; Persunal u ekwipaġġ; Kontroll fuq l-aċċess; Bagalji tal-istiva; Provvisti għal matul it-titjira; Provvisti tal-ajruport; Protezzjoni tal-inġenji tal-ajru fuq l-art; Miżuri tas-sigurtà matul it-titjira tal-inġenji tal-ajru; Merkanzija u posta; Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru; Informazzjoni u teknoloġiji diġitali; Sistema/i ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAS, Unmanned Aircraft System)/Vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV, Unmanned Aerial Vehicle)/Sistema/i ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS, Remotely-Piloted Aircraft System); Arma li tintuża mill-bogħod (MANPADS, Man-portable Air-Defense Systems, eċċ.); Lasers; Informazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni; Avjazzjoni Ġenerali/Klabbs ajrunawtiċi

Effett jew effett potenzjali fuq is-sigurtà ([7]):

Kwalunkwe kumment/proposta/informazzjoni ieħor/oħra ([8]):

Kuntatt (email, numru tat-telefon):

([1]) Għall-finijiet tal-mudell, "okkorrenza" se tkopri okkorrenzi u inċidenti tas-sigurtà tal-avjazzjoni.
([2]) F'każ li d-data u l-ħin eżatti ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti.
([3]) Jekk differenti mid-data tal-okkorrenza.
([4]) L-isem u possibbilment il-kodiċi IATA/ICAO tal-ajruport, kif ukoll iż-żona fejn tiġi osservata l-okkorrenza.
([5]) L-isem tal-persuna fiżika li tirrapporta jista' jitħalla barra.
([6]) Bħan-notifika lill-awtoritajiet lokali tal-infurzar tal-liġi u/jew tal-ajruport bis-sitwazzjoni.
([7]) Biex jiġi ddeterminat mill-perspettiva ta' min jagħmel ir-rapport, kif jiġi affettwat il-livell tas-sigurtà tal-avjazzjoni.
([8]) Din it-taqsima tista' tinkludi aktar informazzjoni mixtieqa mingħand min jagħmel ir-rapport, pereżempju, fir-rigward tal-Valutazzjoni preliminari tar-riskju; Azzjoni(jiet) biex jiġi limitat l-effett fuq is-sigurtà tal-avjazzjoni; Azzjoni(jiet) ta' rimedju (meta jkun applikabbli); u l-Istatus tal-fajl fi ħdan il-kumpanija (meta jkun applikabbli).

Appendiċi V

Klassifikazzjoni komuni ta' okkorrenzi u inċidenti tas-sigurtà ([1])

Klassi ([1])	Kategorija ([2])
Sigurtà tan-naħa tal-art	Skoperta jew użu ta' apparat splussiv improvvizzat (IED, Improvised Explosive Device) li jinġarr mill-vettura jew apparat inċendjarju improvvizzat (IID, Improvised Incendiary Device)
	Skoperta jew użu ta' IED/IID mogħtija minn persuna
	Attakk armat
	Oġġetti mhux assistiti/suspettużi (applikabbli wkoll għan-naħa tal-ajru)
	Attakk kimiku, bijoloġiku u radjoloġiku (CBR, Chemical, Biological and Radiological)
	Ħsara lill-infrastruttura kritika/punti vulnerabbli
	Imġiba suspettuża
	Tfixkil mhux ippjanat, inkluż theddida ta' bomba jew ingann malizzjuż
Passiġġieri u bagalji tal-kabina	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
	Nuqqas fil-proċess ta' skrinjar tal-punti ta' kontroll tas-sigurtà
	Taħlit ta' passiġġieri skrinjati u mhux skrinjati
	Imġiba suspettuża
Persunal u ekwipaġġ	Nuqqas fil-proċess ta' skrinjar tal-punti ta' kontroll tas-sigurtà
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
	Sabotaġġ
	Kontrolli tas-sigurtà evitati permezz ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata
	Tentattiv intenzjonat biex jiġi evitat reġim ta' skrutinju/ kontroll tal-isfond
Kontroll tal-aċċess	Ksur jew tentattiv ta' ksur tal-perimetru
	Aċċess mhux awtorizzat għal żona ristretta ta' sigurtà (SRA, Security Restricted Area) jew żona kkontrollata oħra (mhux persunal)
	Aċċess mhux awtorizzat/mingħajr skorta fl-SRA (persunal)
	Imġiba suspettuża tal-persunal
	Nuqqas fis-sistema ta' kontroll tal-aċċess
	Nuqqas fis-sistema tal-ħruġ ta' pass tal-ID
	Nuqqas fis-sistema ta' kontroll tal-aċċess tal-vettura inkluż l-applikazzjoni ta' kontrolli tas-sigurtà u/jew l-iskrinjar tal-okkupanti u tal-vetturi
Bagalji tal-istiva	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
	Nuqqas fil-protezzjoni tal-bagalji tal-istiva skrinjati

([1]) L-Appendiċi V jista' jservi wkoll bħala għodda biex tikkategorizza d-data dwar is-sigurtà u tappoġġa l-iżvilupp ta' definizzjonijiet ta' okkorrenzi rilevanti.

Klassi ([1])	Kategorija ([2])
	Evidenza ta' tbagħbis ta' bagalji tal-istiva skrinjati
	Nuqqas fis-sistema jew fil-proċess tal-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva (HBS, Hold Baggage Screening) (inkluża r-rikonċiljazzjoni tal-bagalji tal-passiġġieri)
	Nuqqas fil-proċess tat-trasport tal-armi mibgħuta
Provvisti għal matul it-titjira	Aċċess mhux awtorizzat għall-faċilità tal-provvisti għal matul it-titjira
	Nuqqas fil-protezzjoni ta' provvisti marbuta
	Evidenza ta' tbagħbis fil-provvisti marbuta għal matul it-titjira
	Nuqqas fl-applikazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
Provvisti tal-ajruport	Aċċess mhux awtorizzat għall-faċilità
	Nuqqas fil-protezzjoni ta' provvisti marbuta
	Evidenza ta' tbagħbis tal-provvisti marbuta tal-ajruport
	Nuqqas fl-applikazzjoni tal-kontrolli tas-sigurtà
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
Protezzjoni tal-inġenji tal-ajru fuq l-art	Passiġġier mhux awtorizzat fuq l-inġenju tal-ajru
	Persunal mhux awtorizzat fuq l-inġenju tal-ajru
	Nuqqas fit-tfittxija/fil-kontroll tas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru
	Nuqqas fil-miżuri ta' protezzjoni tal-inġenji tal-ajru, inkluż fejn l-inġenji tal-ajru jkunu pparkjati matul il-lejl
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit fil-kabina jew fl-istiva tal-inġenji tal-ajru
Miżuri tas-sigurtà fl-inġenji tal-ajru matul it-titjira	Passiġġier indixxiplinat (li jrid jitqies għal-livell 3 u 4 (ara l-Manwal tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-ICAO) li jrid jiġi rrapportat biss)
	Nuqqas fil-proċess/protezzjoni tal-bieba tal-kabina tal-pilota
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
	Attakk tas-CBR
	Ħtif matul it-titjira
	Theddida ta' bomba matul it-titjira
Merkanzija u posta	Aċċess mhux awtorizzat għall-faċilità tal-iskrinjar tal-merkanzija
	Nuqqas fil-proċess tal-iskrinjar
	Skoperta jew użu ta' oġġett/IED/IID ipprojbit
	Nuqqas fil-protezzjoni tal-merkanzija marbuta
	Evidenza ta' tbagħbis tal-merkanzija marbuta
	Nuqqas fil-proċess ta' aċċettazzjoni

Klassi ([1])	Kategorija ([2])
	Attività suspettuża
	Notifika Tgħabbix skont l-iskemi PLACI
Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru	Attakk armat kontra l-faċilità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC, Air Traffic Control)
	Qerda jew ħsara tal-għajnuniet għan-navigazzjoni tal-ajru
	Aċċess mhux awtorizzat
Informazzjoni u teknoloġiji diġitali	Attakk kontra s-sistema/i tal-inġenji tal-ajru
	Attakk kontra s-sistema/i tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM, Air Traffic Management)
	Attakk kontra s-sistema/i tal-ajruport
	Attakk kontra sistemi u data kritiċi oħrajn
Sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAS)	Dħul mhux awtorizzat fi spazju tal-ajru kkontrollat
Vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV)	Titjir qrib inġenju tal-ajru ieħor matul it-titjira
Sistema ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS)	Ħabta ma' inġenju tal-ajru matul it-titjira
	Ilmiħ minn inġenju tal-ajru/ajruport
	Vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV) ikkawżat theddida kontra l-inġenji tal-ajru
	UAV ikkawżat theddida kontra l-infrastruttura tal-ajruport
	UAV ikkawżat theddida kontra l-passiġġieri
Arma li tintuża mill-bogħod (MANPADS, eċċ.)	Attakk fuq inġenju tal-ajru jew faċilità tal-ajruport
	Osservazzjoni rrapportata
Lasers	Attakk fuq inġenju tal-ajru jew faċilità tal-ajruport
	Osservazzjoni rrapportata
	Attività suspettuża
Informazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni	Nuqqas fil-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni
	Telf ta' integrità u disponibbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni
Avjazzjoni Ġenerali/Klabbs ajrunawtiċi	Aċċess mhux awtorizzat
	Skoperta ta' oġġett/IED/IID ipprojbit

([1]) Klassi: tiddeskrivi s-suġġett li għalih ikun jirreferi l-inċident tas-sigurtà, bħal "kontrolli tal-aċċess", "bagalji tal-istiva" jew "merkanzija/posta". L-identifikaturi magħżula diġà jintużaw b'mod komuni fl-Anness 17 tal-ICAO u fil-Manwal tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (DOC 8973) u huwa mistenni li jkunu faċli għall-entitajiet biex jirreferu għalihom u rilevanti għall-awtoritajiet biex jagħmlu valutazzjonijiet.

([2]) Kategorija: tindika deskrizzjoni aktar speċifika tal-inċident tas-sigurtà involut. Il-kategoriji jvarjaw skont il-klassi peress li l-inċidenti possibbli tas-sigurtà jvarjaw skont liema proċess tas-sigurtà tal-avjazzjoni huma relatati miegħu. Pereżempju, il-klassi "protezzjoni tal-inġenji tal-ajru fuq l-art" tinkludi l-kategorija "nuqqas fit-tfittxija/fil-kontroll tas-sigurtà tal-inġenji tal-ajru", filwaqt li l-klassi "bagalji tal-istiva" tinkludi l-kategorija "nuqqas fil-protezzjoni ta' bagalji tal-istiva skrinjati". Ikun hemm ukoll kategorija "oħrajn" għal dawk l-inċidenti li jistgħu jkunu rari wisq biex jiġġustifikaw kategorija separata, jew li jistgħu jitqiesu bħala theddida jew vulnerabbiltà ġdida. Madankollu, din l-għażla jenħtieġ li tintuża biss meta l-ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn ma tidher xierqa.."